Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

31 ta' Diċembru, 2007

ATT Nru XXXII ta' l-2007

ATT biex jimplimenta diversi miżuri ta' l-Estimi għall-2008 u miżuri amministrattivi oħra.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi 2008. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I

2. Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2008. Bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "dħul" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, imma ma tinkludix dħul li jkun ġej minn self. Tifsir. Kap. 174.

4. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor f'Malta, b'self, somma ta' flus ta' mhux iżjed minn tliet mitt miljun euro. Awtorità li jinġabar self.

(2) Għall-fini li tinġabar dik is-somma hawn qabel imsemmija, il-Ministru responsabbli għall-finanzi hu b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet Kap. 161.

hekk kif l-istess Ministru jista' japprova.

Skop.

5. Flejjes imsellfin taħt l-awtorità ta' din it-Taqsima għandhom ikunu approprjati u applikati għall-iskop li:

(a) jitħallsu l-ispejjeż li jeċċedu d-dħul li jsiru fil-Fond Konsolidat matul is-sena 2008 u/jew snin sussegwenti; u

(b) jiġu mifdija *stocks* reġistrati li għandhom jiġu mifdija matul l-2008; u

(ċ) jiġu effettwati bidliet fil-*portfolio* fir-rigward ta' ammonti li jingabru permezz ta' *Bills* tat-Teżor, ammonti miġbura permezz ta' *Stocks* tal-Gvern, u rigward self li jingabar minn barra minn Malta hekk kif u meta dan ikun meħtieġ b'konformità mal-politika tal-Gvern dwar l-immaniġġar tad-dejn.

TAQSIMA II

Emenda tad-disposizzjonijiet dwar is-sena finanzjarja f'diversi liġijiet.

6. (1) Din it-Taqsima temenda d-disposizzjonijiet dwar is-sena finanzjarja f'diversi liġijiet skond ma jidher fl-artikoli li ġejjin.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2007.

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.
Kap. 261.

7. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru." għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Enemalta.
Kap. 272.

8. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Enemalta, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-tletin jum ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni.
Kap. 327.

9. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, fil-proviso tat-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "tas-sena ta' wara;" għandhom jidħlu l-kliem "tas-sena ta' wara:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fil-każ ta' l-Università ta' Malta, is-sena finanzjarja tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jibda fl-1 ta' Ottubru ta' sena u li jintemm fit-30 ta' Settembru tas-sena li tiġi minnufih wara; b'dan illi s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Jannar, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' disa' xhur li jtemm fit-30 ta' Settembru, 2007;".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Kap. 332.

10. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ. Kap. 343.

11. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-tletin ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta. Kap. 352.

12. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-tletin ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Kap. 356.

13. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*. Kap. 419.

14. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta. Kap. 422

15. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Kap. 423.

16. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru;" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Kap. 424.

17. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti. Kap. 444.

18. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

Emenda ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Kap. 445.

19. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-tletin ta' Settembru" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

20. Fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Isport, fit-tifsira "sena finanzjarja", minflok il-kliem "fit-30 ta' Settembru" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Diċembru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej: Emenda ta' l-Att dwar l-Isport. Kap. 455.

"Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Ottubru, 2007 għandha tkun għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru, 2008.".

TAQSIMA III

21. Din it-taqsima temenda l-Ordinanza tad-Dwana u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza tad-Dwana, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-liġi prinċipali". Emenda ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Kap. 37.

22. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "bastiment", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dazju" tfisser kull dazju li jitħallas lill-Kontrullur tad-Dwana fuq oġġetti importati u tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra *dumping*, dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa;"; u

(b) fit-tifsira "oġġetti importati", minnufih wara l-kliem "u li jinġiebu fiha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew miġjubin fiha".

23. (1) Il-kliem "dazju ta' importazzjoni" jew "dazji ta' importazzjoni" kull fejn dawn jinsabu fl-artikoli 17, 22A(1), 25, 26, 27(2), 60(a) u 80(2) tal-liġi prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "dazju". Sostituzzjoni tal-frażijiet "dazju ta' importazzjoni" u "dazju ta' esportazzjoni" bil-kelma "dazju" fil-liġi prinċipali.

(2) Il-kliem "dazju ta' esportazzjoni" fl-artikolu 62(l) għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "dazju".

24. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "fi żmien erba' u għoxrin siegħa minn x'ħin jasal mill-post 'il hemm mill-ibħra f'wieħed jew l-ieħor mill-portijiet tal-Belt Valletta" għandhom jidħlu l-kliem "mill-inqas sitt siegħat qabel ma jasal mill-post lil hinn mill-ibħra f'wieħed jew l-ieħor mill-portijiet tal-Belt Valletta jew fil-port ta' Marsaxlokk" u l-kliem "jew f'dawk il-formuli; u dan ir-rapport għandu jsir qabel ma titmiss it-tagħbija." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew f'dawk il-formuli.". Emenda ta' l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

25. L-artikolu 7 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali "Żbark minn vapuri ta' oġġetti mingħajr rapport" għandha tidħol in-nota marġinali "Żbark ta' oġġetti minn vapuri";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-kliem minn "B'dak kollu li jingħad fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6," sal-kliem "rapport tal-bastiment jew tat-tagħbija:" għandhom jitħassru;

(ii) l-ewwel proviso tas-subartikolu għandu jsir l-ewwel paragrafu ta' dak is-subartikolu u f'dak il-paragrafu l-kliem "Iżda b'dan, li dawn l-oġġetti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Dawn l-oġġetti"; u

(iii) it-tieni proviso tas-subartikolu għandu jsir l-ewwel proviso u f'dak il-proviso l-kliem "Iżda, ukoll," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda";

(ċ) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru;

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) u f'dak is-subartikolu l-kliem "li jkun hemm f'rapport kif jingħad qabel" għandhom jitħassru; u

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) u f'dak is-subartikolu l-kliem "Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra li hemm fis-subartikoli ta' qabel f'dan l-artikolu, il-Kontrullur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Kontrullur", u l-kliem "kif hu preskritt f'dan l-artikolu" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 25 tal-liġi prinċipali.

26. Fl-artikolu 25 tal-liġi prinċipali minnufih wara l-kliem "piżatur tad-dwana" għandhom jidħlu l-kliem "jew minn xi persuna li tiġi maħtura mill-Kontrullur għal dak l-għan".

Emenda ta' l-artikolu 26 tal-liġi prinċipali.

27. Fl-artikolu 26 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jiġu kkonfiskati." għandhom jidħlu l-kliem "jiġu kkonfiskati:" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda jekk dik il-persuna tkun impjegat tal-Gvern, it-telfien ta' impieg imsemmi għandu biss iseħħ wara li jittieħdu proċedimenti dixxiplinari skond ir-regolamenti dixxiplinari li jkunu japplikaw għal dawk l-impjegati.".

28. Fl-artikolu 63 tal-liġi prinċipali: Emenda ta' l-artikolu 63 tal-liġi prinċipali.

(a) il-kliem "iżda li ma tkunx tidher li saret b'qerq," għandhom jitħassru; u

(b) minflok il-kliem "f'qorti." għandhom jidħlu l-kliem "f'qorti:" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu wkoll applikati fil-każ ta' kontravvenzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jkunu jinvolvu oġġetti li ma jitħallasx dazju fuqhom u f'dawk il-każijiet l-ammont ta' dazju perikolat għandu jitqies, għall-finijiet ta' dan l-artikolu li jkun ekwivalenti għal ħamsa fil-mija tal-valur ta' l-oġġetti.".

29. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 68 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fit-twarrib" għandhom jidħlu l-kliem "fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi". Emenda ta' l-artikolu 68 tal-liġi prinċipali.

30. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 71 tal-liġi prinċipali, il-kliem "l-artikolu 350" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 355E". Emenda ta' artikolu 71 tal-liġi prinċipali.

31. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 76 tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 76 tal-liġi prinċipali.

"(2) Dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew fi żmien għaxar snin mid-data meta jsir ir-reat.".

TAQSIMA IV

32. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew iseħħu mis-sena ta' stima 2009.

33. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14B ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 14B ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-kliem "li jirrigwardaw it-tfal tiegħu li jkunu jattendu" għandhom jiżdiedu l-kliem "f'xi *kindergarten* privat reġistrat jew";

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-iskola relattiva" għandhom jidħlu l-kliem "jew *kindergarten*"; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "dik l-iskola primarja" għandhom jidħlu l-kliem "jew *kindergarten*".

Żjieda ta' artikolu 14D ma' l-Att prinċipali.

34. Minnufih wara l-artikolu 14Ċ ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżati dwar residenza f'dar għall-anzjani.

14D. Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas miżati għalih innifsu jew f'isem membru tal-familja tiegħu rigward residenza f'dar privata għall-anzjani, huwa għandu jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(a) l-ammont li jkun fil-fatt ħallas;

(b) elfejn euro:

Iżda, għal kull sena ta' stima, it-tnaqqis kollu mitlub rigward xi resident ma għandux jeċċedi l-ammont kif stipulat f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll li t-tnaqqis jingħata biss jekk il-pagament u d-dettalji ta' l-individwu li jagħmel it-talba jiġu konfermati minn informazzjoni pprovduta, f'dak il-format u kontenut li jiddetermina l-Kummissarju, mill-persuna li tmexxi d-dar privata għall-anzjani.".

Żjieda ta' artikolu 14E ma' l-Att prinċipali.

35. Minnufih wara l-artikolu 14D ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżati għal attivitajiet sportivi.

14E. Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas miżati, konfermati b'riċevuti uffiċjali, rigward it-tfal tiegħu li ma jkunux għalqu s-sittax-il sena, li jattendu attivitajiet sportivi approvati mill-Kunsill Malti ta' l-Isport, huwa għandu, għal kull tifel jew tifla, jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(a) l-ammont li jkun fil-fatt ħallas;

(b) mitt euro.".

36. Il-paragrafi (a) u (b) (iżda mhux il-proviso tagħhom) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-paragrafi ġodda li ġejjin: Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

"(a) fil-każ ta' koppja miżżewġa residenti f'Malta fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima u li għaliha japplika l-artikolu 49 ħlief meta l-konjuġi responsabbli jkun għażel komputazzjoni separata għall-finijiet ta' l-artikolu 50 -

Għal kull euro fuq l-ewwel €11400 ..... 0 euro ċenteżmi

Għal kull euro fuq id-€9100 ta' wara ... 15 euro ċenteżmi

Għal kull euro fuq is-€7500 ta' wara ... 25 euro ċenteżmi

Għal kull euro mill-bqija ..... 35 euro ċenteżmi;

(b) fil-każ ta' kull individwu ieħor residenti f'Malta, inkluż ir-raġel u l-mara meta l-konjuġi responsabbli jkun għażel komputazzjoni separata għall-finijiet ta' l-artikolu 50 -

Għal kull euro fuq l-ewwel €8150 ..... 0 euro ċenteżmi

Għal kull euro fuq il-€5850 ta' wara ..... 15 euro ċenteżmi

Għal kull euro fuq il-€5000 ta' wara ..... 25 euro ċenteżmi

Għal kull euro mill-bqija ..... 35 euro centeżmi:".

TAQSIMA V

37. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Ħabs, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Ħabs, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Ħabs. Kap. 260.

38. Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu 15A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Riserva dwar uffiċjali tas-servizzi korrettivi.

15A. Mingħajr preġudizzju għal regolamenti magħmulin taħt dan l-Att dwar il-pensjoni massima li jista' jingħata uffiċjal tas-servizzi korrettivi li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, meta persuna tkun ġiet maħtura uffiċjal tas-servizzi korrettivi, kull żmien qabel dik il-ħatra li matulu dik il-persuna tkun tat is-servizz tagħha bħala uffiċjal tal-ħabs jew bħala membru ta' korp dixxiplinat kif imfisser fl-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni għandu jitqies li jkun servizz bħala uffiċjal tas-servizzi korrettivi għall-għan ta' xi pensjoni li tista' tingħata skond dan l-Att jew skond xi regolamenti magħmulin taħtu.".

TAQSIMA VI

Emenda ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

39. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ kif ġej:

(a) l-artikolu 47 u l-paragrafu (b), mingħajr il-proviso, ta' l-artikolu 48 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ b'effett mit-3 ta' Jannar 2004;

(b) l-artikoli 42, 43 u l-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 46 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2007;

(ċ) il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 40, il-provisos għall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 48 u l-artikolu 50 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ b'effett mis-6 ta' Jannar 2007;

(d) il-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) ta' l-artikolu 40, l-artikolu 41, il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 48 u l-artikoli 49, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 67 u 68 għandhom jiġu fis-seħħ b'effett mill-5 ta' Jannar 2008; u

(e) l-artikoli 44, 45 u l-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 46 għandhom jiġu fis-seħħ b'effett mis-7 ta' Jannar 2008.

40. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "*allowance* tat-tfal" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*Allowance* tat-Tfal Fissa" għandha tkun dik stipulata fl-Erbatax-il Skeda;";

(b) fit-tifsira "Dipartiment" minflok il-kliem "Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali" għandhom jidħlu l-kliem "Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali";

(ċ) fit-tifsira "Direttur" minflok il-kliem "Direttur (Sigurtà Soċjali)" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali)";

(d) fl-ewwel proviso tat-tifsira "jirtira" minflok il-kliem "li jitqies bħala li ġie skwalifikat milli jirċievi pensjoni minħabba li jkun f'impjieg assigurabbli jew persuna li timpjega lilha nnifisha, li wieħed jirtira tfisser id-data li fiha ma jibqax hekk skwalifikat" għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkunx qed jirċievi pensjoni u jkun għadu f'impjieg assigurabbli jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha, li wieħed jirtira tfisser id-data li fiha japplika għall-pensjoni taħt it-Taqsima V ta' dan l-Att";

(e) fit-tifsira "Pensjoni tas-Servizz":

(i) fis-sub-paragrafu (b) tal-proviso mal-paragrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan l-Att; u";

(ii) fil-paragrafu (iv) tal-proviso mat-tifsira "Pensjoni tas-Servizz", minflok il-kliem "ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz:" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz; u";

(iii) fil-proviso mal-paragrafu (iv) tiegħu, minflok il-kliem "Iżda wkoll it-Tieni Pensjoni" għandhom jidħlu l-kliem "(vi) it-Tieni Pensjoni"; u

(iv) minnufih wara l-paragrafu (iv) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(v) b'seħħ mill-5 ta' Jannar 2008, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa Lm 200:";

(f) fil-paragrafu (ċ) tat-tifsira "persuna gravement disabilitata", minflok il-kliem "*Chronic-Granulomatous Disease*; jew" għandhom jidħlu l-kliem "*Chronic-Granulomatous Disease*;" u minnufih wara għandu jiżdied il-kliem "*Leopard's Syndrome*; jew".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

41. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(d) b'seħħ mill-5 ta' Jannar 2008, persuna li tkun qed tirċievi pensjoni (barra minn Pensjoni għal Korriment) li titħallas taħt dan l-Att u ma tkunx qed taħdem bi qligħ;";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f); u

(ċ) minnufih wara l-proviso għall-paragrafu (d) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) persuna f'impjieg eċċettwat skond il-paragrafu 8 tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda;".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

42. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att:

(a) ir-rati fil-gimgħa ta' kontribuzzjonijiet dovuti taħt dan l-Att minn persuna impjegata u mill-prinċipal tagħha rispettivament ikunu dawk speċifikati fit-Taqsima I ta' l-Għaxar Skeda:

Iżda, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, persuna impjegata li d-dħul bażiku fil-ġimgħa mill-impjieg tagħha huwa inqas mill-Paga Minima Nazzjonali applikabbli għal persuni fl-età ta' tmintax-il sena jew aktar kif stabbilita mill-Ordnijiet ta' Standard Nazzjonali maħruġa taħt l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, għandu jkollha l-jedd li tħallas kontribuzzjoni bir-rata ta' 10% tal-paga bażika attwali tagħha fil-ġimgħa minflok il-kontribuzzjoni tal-kategorija B tat-Taqsima I ta' l-Għaxar Skeda li titħallas minn persuna impjegata, skond ma jkun japplika; u

(b) il-kontribuzzjonijiet li huma dovuti taħt dan l-Att mill-Fond Konsolidat għandhom ikunu 50% tal-kontribuzzjonijiet fil-ġimgħa f'daqqa mħallsa mill-impjegat u mill-prinċipal tiegħu:

B'dan illi, meta prinċipal jintrabat, mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, li jimpjega miegħu persuna li jkollha iktar minn erbgħin sena u li tkun ilha tirreġistra għal iktar minn sena taħt l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru miżmum skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, dak il-prinċipal ikollu jedd li jikseb lura mingħand dik il-korporazzjoni somma ekwivalenti għal ħamsa w għoxrin fil-mija mir-rata ta' kontribuzzjoni mħallsa mill-prinċipal, bħala s-sehem tiegħu għar-rigward ta' dak l-impjegat, skond ma hemm fit-Taqsima I ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

43. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Persuna li taħdem għaliha nnifisha li, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, hija dovuta li tħallas kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi fuq id-dħul nett tagħha tista', jekk dik il-persuna hekk tagħżel, tiġi eżentata mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi fuq il-qligħ li jinkiseb mill-għoti ta' servizzi bħala familja ospitanti:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, il-frażi "familja ospitanti" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fir-Regolamenti dwar Akkomodazzjoni ma' Familji Ospitanti maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

44. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu minflok il-kliem "*outworkers*, gwidi tat-turisti u xufiera ta' vetturi *impressed* mal-Gvern u ċerti bdiewa u sajjieda" għandhom jidħlu l-kliem "ċerti kategoriji ta' persuni";

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(5) B'effett mis-7 ta' Jannar 2008, prinċipal li jimpjega persuna li hi persuna gravement disabilitata jew persuna b'vista batuta skond dan l-Att, ikun intitolat sabiex jirċievi mingħand il-Gvern l-ammont ta' kontribuzzjonijiet

tas-sigurtà soċjali li jikkorrispondi għall-parti mħallsa mill-istess prinċipal skond dan l-Att għall-ewwel 156 ġimgħa ta' impjieg ta' dik il-persuna.

(6) B'effett mis-7 ta' Jannar 2008, persuna li tkun persuna gravement disabilitata jew persuna b'vista batuta skond dan l-Att u li timpjega persuna oħra sabiex tieħu ħsiebha tkun intitolata sabiex tirċievi mingħand il-Gvern l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jikkorrispondi għall-parti mħallsa minn tali persuna bħala prinċipal skond dan l-Att.

(7) B'effett mis-7 ta' Jannar 2008, persuna li -

(a) għandha aktar minn 45 sena; u

(b) ma tkunx għamlet xogħol bi qligħ għal minn ta' l-anqas ħames snin konsekuttivi; u

(ċ) tkun kisbet liċenzja sabiex taħdem għaliha nnifisha skond l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerc,

tkun intitolata sabiex tirċievi mingħand il-Gvern l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa skond dan l-Att minn tali xogħol għall-ewwel 52 ġimgħa.".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

45. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "Jannar, 1990." għandhom jidħlu l-kliem "Jannar 1990;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) għal kull ġimgħa kalendarja, b'seħħ mis-7 ta' Jannar 2008 meta dik il-persuna assigurata tieqaf tirreġistra taħt it-Taqsima 1 tar-Reġistru stabbilit taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, biex tidħol f'xogħol temporanju għal perijodu li ma jeċċedix tlettax-il ġimgħa konsekuttiva u fejn, għal tali perijodu ta' xogħol temporanju, ma tkunx dovuta kontribuzzjoni skond dan l-Att."; u

(b) fis-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "subartikolu (3)(ċ)" għandhom jidħlu l-kliem "subartikolu (3)(ċ) u (d)".

46. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b)(ii) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "taħdem għaliha nnifisha." għandhom jidħlu l-kliem "taħdem għaliha nnifisha;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) il-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi u tat-Tieni Klassi mħallsa, għal kull perijodu wara s-7 ta' Jannar 2008, minn kull persuna li tkun tirċievi pensjoni taħt it-Taqsima V ta' dan l-Att ma għandhomx jitqiesu.";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "fl-artikolu 55." għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 55;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) il-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi u tat-Tieni Klassi mħallsa għal kull perijodu wara s-7 ta' Jannar 2008 minn kull persuna li tkun tirċievi pensjoni taħt it-Taqsima V ta' dan l-Att m'għandhomx jitqiesu għall-istima mill-ġdid ta' xi pensjoni taħt it-Taqsima IV u t-Taqsima V ta' dan l-Att.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u safejn jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet, il-kontribuzzjonijiet kollha ta' l-Ewwel Klassi mħallsa f'kull sena ta' kontribuzzjoni minn persuna assigurata taħt il-proviso għall-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 għandhom jiġu multiplikati:

(a) bil-proporzjon li l-valur totali attwali ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegat u l-prinċipal matul is-sena ta' kontribuzzjoni, skond il-Kategorija B tat-Taqsima I ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ikollu għall-valur totali tal-kontribuzzjonijiet li kienu jkunu dovuti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att matul dik is-sena ta' kontribuzzjoni, li kieku l-impjegat konċernat ma kienx għażel li jħallas il-kontribuzzjonijiet tiegħu skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7; u

(b) għall-finijiet sabiex jiġi stabbilit id-dritt għal kull benefiċċju, pensjoni, għotja jew

allowance, in-numru ta' dawk il-kontribuzzjonijiet imwieżna li jirriżultaw kif kalkolat skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, għandu jitqies bħala n-numru attwali ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegat jew dwaru matul dik is-sena ta' kontribuzzjoni għal dak il-benefiċċju, pensjoni, għotja jew *allowance* taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

47. Fl-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "jkollha l-kura ta' iben jew bint tal-mejjet żewġha" għandhom jidħlu l-kliem "jkollha l-kura u l-kustodja ta' iben jew bint tal-mejjet żewġha jew il-kura ta' tifel jew tifla li dwarhom titħallas *allowance* skond l-artikolu 76A".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

48. L-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "armla li tkun qed taħdem bi qligħ" għandhom jidħlu l-kliem "armla taħt l-età tal-pensjoni li tkun qiegħda taħdem bi qligħ";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "tkun qed titħallas *allowance* taħt l-artikolu 76" għandhom jidħlu l-kliem "tkun qed titħallas *allowance* taħt l-artikolu 76 jew tifel jew tifla f'affidament li dwarhom tkun qed titħallas *allowance* taħt l-artikolu 76A," u minflok il-kliem "il-qligħ li tikseb minn dan ix-xogħol." għandhom jidħlu l-kliem "il-qligħ li tikseb minn dan ix-xogħol:" u minnufih wara jiżdiedu l-provisos li ġejjin:

"Iżda b'seħħ mis-6 ta' Jannar 2007, meta d-dritt taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jieqaf japplika, dik l-armla għandha tibqa' intitolata li tirċievi pensjoni taħt din it-Taqsima, għall-perijodu li jibda mill-ewwel Sibt li jiġi wara d-data li fiha l-iben jew il-bint jilħaq l-età ta' sittax-il sena, jew mis-6 ta' Jannar 2007, liema minnhom tiġi l-aħħar, u jintemm il-Ġimgħa li tiġi wara li t-tifel jew tifla jilħqu l-21 sena jekk:

(a) dik l-armla tkun qiegħda taħdem bi qligħ u d-dħul minn tali okkupazzjoni jkun jeċċedi l-ekwivalenti tal-medja fil-ġimgħa għall-Paga Minima Nazzjonali li tapplika għal persuni fl-età ta' tmintax-il sena jew aktar stabbilita taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u l-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ tkun ġiet mgħarrfa debitament b'dik l-okkupazzjoni bi

qligħ; u

(b) dak l-iben jew bint ikun jattendi għal edukazzjoni jew taħriġ *full time* f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta skond l-Att dwar l-Edukazzjoni; jew

(ċ) dak l-iben jew bint ikun reġistrat fit-Taqsima 1 tar-Reġistru stabbilit taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ u ma jkun qatt ħadem bi qligħ, u ma jkun qed jirċievi l-ebda benefiċċju, pensjoni jew assistenza li titħallas taħt dan l-Att:

Iżda wkoll ir-rata ta' pensjoni dovuta taħt dan is-subartikolu għandha titnaqqas bid-differenza miksuba bejn dak id-dħul attwali ta' l-armla minn okkupazzjoni bi qligħ u l-Paga Minima Nazzjonali li tapplika għal persuni fl-età ta' tmintax-il sena jew aktar stabbilita b'Ordni ta' Standard Nazzjonali maħruġ taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, iżda fl-ebda każ ma għandha tirċievi rata ta' pensjoni inqas mir-rata tal-Pensjoni tar-Romol skond l-artikolu 31 jew 33 skond ma jkun japplika fil-każ tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

49. Fl-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali il-kliem ", li ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 45," għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

50. L-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"40. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), armla li tkun qiegħda tirċievi pensjoni taħt din it-Taqsima għandha, malli terġa' tiżżewweġ, tibqa' intitolata għall-Pensjoni tar-Romol għall-perijodu li jibda mill-ewwel Sibt li jiġi wara d-data taż-żwieġ mill-ġdid, jew mis-6 ta' Jannar 2007, skond liema minnhom tiġi l-aħħar, u li jintemm il-Ġimgħa tal-260 ġimgħa wara d-data taż-żwieġ, b'rata għal kull ġimgħa ekwivalenti għar-rata tal-Pensjoni tar-Romol speċifikata fit-Tnax-il Skeda, kif kien ikun japplika fil-każ tagħha, sad-data taż-żwieġ mill-ġdid skond l-artikoli 31 jew 33 u wara dak il-perijodu dik il-pensjoni ma tibqax tingħatalha.

(2) Id-dritt għal Pensjoni tar-Romol taħt dan l-artikolu għandu jintemm ukoll fil-każ tal-mewt tal-konjuġi jew jekk l-armla ma tibqax bid-dritt għal pensjoni bħala armla skond l-artikolu 32, qabel tmiem il-perijodu tad-dritt li jkollha skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).".

Thassir ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

51. L-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali.

52. Fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Jannar, 1979; u" għandhom jidħlu l-kliem "Jannar 1979." u l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali.

53. Fil-paragrafu (ii) ta' l-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "u jekk ikollu taħt il-ħamsa u sittin sena, ma jitqiesx li jkun qed jaħdem bi qligħ skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 45," għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali.

54. L-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fuq il-formola provduta mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għal ħames ġimgħat" għandhom jidħlu l-kliem "għal sitt ġimgħat";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "u ta' ħames ġimgħat" għandhom jidħlu l-kliem "u ta' sitt ġimgħat";

(d) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-ħames ġimgħat" għandhom jidħlu l-kliem "is-sitt ġimgħat";

(e) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "u l-ħames ġimgħat" għandhom jidħlu l-kliem "u s-sitt ġimgħat"; u

(f) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali.

55. L-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "li jġib prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li l-mezzi totali fis-sena tiegħu, ikkalkolati skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att, ma jkunux iżjed mir-rata skond l-iskala kif applikabbli għal dik il-familja, u kif imfisser fit-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, u" għandhom jiġu mħassra;

(b) minflok il-kelma "martu" kull fejn tinsab, għandha tidħol il-kelma "il-konjuġi";

(ċ) minflok il-kliem "Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja), rapport tas-sitwazzjoni, li għandu jissottometti l-istess fi żmien xahar," għandhom jidħlu l-kliem "Direttur (*Standards* għall-Ħarsien Soċjali) li għandu jissottometti fi żmien xahar, rapport"; u

(d) l-artikolu 76 kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' l-artikolu u minnufih wara għandu minfloku jidħol is-subartikolu li ġej:

"(2) Ir-rata li tapplika ta' l-*allowance* imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun kif imsemmi fit-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda u l-kalkolu tal-mezzi fis-sena tal-familja għandu jsir skond kif stipulat fit-Taqsima VII tat-Tieni Skeda.".

Emenda ta' l-artikolu 76A ta' l-Att prinċipali.

56. L-artikolu 76A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "tifel jew tifla f'affidament, eċċ" għandhom jidħlu l-kliem "tifel jew tifla fil-kura"; u

(b) minflok il-kliem "il-kap tal-familja" għandhom jidhlu l-kliem "il-kap tal-familja li jkun il-kuranti b'affidament approvat skond l-Att dwar il-*Foster Care*".

Emenda ta' l-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali.

57. L-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "jekk dak it-tifel ikun ċertifikat" għandhom jidħlu l-kliem "jekk il-kap tal-familja li jkollu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel li jkun ċertifikat";

(b) fit-test Ingliż minflok il-kliem "to be a severely disabled person" għandhom jidħlu l-kliem "or a severely disabled person";

(ċ) il-kliem "Hekk iżda li, dan it-tifel jibqa' eliġibbli li jirċievi *allowance* taħt dan l-artikolu biss jekk il-mezzi fis-sena tal-kap tal-familja, ikkalkolati skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, ma jkunux iżjed mil-limiti ta' dħul kif imniżżlin fit-Taqsima VII ta' l-Erbatax-il Skeda fuq imsemmija, u sakemm dak il-kap tal-familja jkollu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel." għandhom jiġu mħassra; u

(d) minflok il-kliem "jekk ikun ċertifikat" għandhom

jidħlu l-kliem "jekk iċċertifikat".

Emenda ta' l-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali.

58. L-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew martu" għandhom jidħlu l-kliem "jew il-konjuġi";

(b) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "il-kap tal-familja, jew martu, jkunu mejtin" għandhom jidħlu l-kliem "il-kap tal-familja jew il-konjuġi, ikunu mejtin"; u

(ċ) fil-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "li kien riċevut sew minnha." għandhom jidħlu l-kliem "li kien riċevut sew minnha:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta persuna tkun irċeviet il-ħlas ta' *allowance* taħt l-artikoli 76 u 79 għal perijodu sħiħ ta' tlettax-il ġimgħa, qabel temigra u l-ammont totali ta' *allowance* mħallsa matul is-sena li fiha jieqaf il-jedd għal dak il-benefiċċju jkun jammonta għal inqas mill-*Allowance* tat-Tfal Fissa speċifikata fit-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda, dik il-persuna tkun intitolata li tirċievi d-differenza li tirriżulta bejn l-ammont imħallas u l-*Allowance* tat-Tfal Fissa.".

Emenda ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali.

59. L-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "mara" għandha tidħol il-kelma "konjuġi";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem " "mara" għandha tinkludi dik il-mara" għandhom jidħlu l-kliem ""konjuġi" għandha tinkludi dik il-persuna" u minflok il-kliem "daqslikieku kienet il-mara tiegħu miżżewġa lilu bil-liġi, u fil-każ li l-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li fl-opinjoni tad-Direttur, ikun joqgħod ma' dik il-kap tal-familja bħallikieku kien ir-raġel miżżewweġ lilha bil-liġi sakemm hija" għandhom jidħlu l-kliem "daqslikieku dik il-persuna kienet il-konjuġi bil-liġi, sakemm dik il-persuna"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jew meta l-mara ma tkunx il-mara miżżewġa lilu bil-liġi iżda tkun qiegħda tiġi stmata bħala tali skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), jekk din il-mara" għandhom jidħlu l-kliem "jew meta l-persuna ma tkunx il-persuna miżżewġa bil-liġi iżda tiġi

stmata bħala tali skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), jekk tali konjuġi".

Emenda ta' l-artikolu 85 ta' l-Att prinċipali.

60. L-artikolu 85 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "*Bonus* u *Bonus* Addizzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "*Bonus*, *Bonus* Addizzjonali u *Bonus* għall-Għoli tal-Ħajja";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "minbarra l-*Bonus* li tkun intitolata għalih bis-saħħa tas-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "minbarra l-*bonuses* li tkun intitolata għalihom bis-saħħa ta' dan l-artikolu"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Salv kif hemm provdut fl-artikolu 96 u bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, persuna li tkun intitolata li tirċievi xi pensjoni (għajr Pensjoni għal Korriment fejn din titħallas lil persuna li tkun f'impjieg assigurabbli jew li taħdem għaliha nnifisha), għandha tkun intitolata wkoll li tirċievi *Bonus* għall-Għoli tal-Ħajja. Dak il-*bonus* għandu jitħallas bir-rata speċifikata fit-Taqsima J tat-Tnax-il Skeda minbarra l-*bonuses* li għalihom dik il-persuna tista' tkun intitolata bis-saħħa ta' dan l-artikolu:

Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, dik il-persuna għandha tkun intitolata li tirċievi *Bonus* ta' l-Għoli tal-Ħajja wieħed fl-istess ħin tal-ħlas ta' xi pensjoni dovuta taħt dan l-Att:

Iżda wkoll meta pensjoni tkun qiegħda titħallas taħt ftehim skond l-artikolu 134, il-*Bonus* ta' l-Għoli tal-Ħajja għandu jitħallas pro rata kif japplika għall-istima tar-rata tal-pensjoni taħt dak il-ftehim.".

Emenda ta' l-artikolu 87 ta' l-Att prinċipali.

61. L-artikolu 87 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kelma "l-mara" għandha tidħol il-kelma "l-konjuġi" u minflok il-kliem "bi dritt tagħha stess" għandhom jidħlu l-kliem "bi dritt ta' l-istess konjuġi"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Fejn fil-każ ta' koppja miżżewġa li dwarha l-artikolu 96(1) u (2) ma japplikax, u waħda mill-partijiet miżżewġa ssir residenti f'istituzzjoni kif imsemmi fl-artikolu 93, u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 93 jkunu bdew japplikaw fir-rigward ta' dik il-persuna, il-*Bonus* ta' l-Għoli tal-Hajja jew xi parti minnu dovuta taħt l-artikolu 85(3) għandu jiġi allokat skond l-artikolu 93(4).".

Emenda ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali.

62. Fil-paragrafu (ċ) tal-proviso ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-età ta' sittin sena tagħha." għandhom jidħlu l-kliem "l-età ta' sittin sena:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, b'effett mill-5 ta' Jannar 2008, meta f'sena kalendarja kap ta' familja jsir intitolat għall-*Allowance* tat-Tfal skond dan l-Att, dak il-kap ta' familja ma jkunx intitolat għal aktar minn rata waħda ta' *Allowance* tat-Tfal għall-istess perijodu.".

Emenda ta' l-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali.

63. Fit-tieni proviso għall-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali l-kliem "anqas ma għandha tiġi kkunsidrata bħala persuna li taħdem bi qligħ hekk li tiġi skwalifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 45" għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali.

64. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "fuq il-formola provduta mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment".

Emenda ta' l-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali.

65. Fis-sub-paragrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "minn żmien għal żmien jistabbilixxi." għandhom jidħlu l-kliem "minn żmien għal żmien jistabbilixxi:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' artikolu 90, b'effett mill-5 ta' Jannar 2008, fil-każ ta' l-*Allowance* tat-Tfal Fissa, bil-quddiem f'intervalli, li mhumiex intervalli ta' aktar minn 53 ġimgħa, skond ma d-Direttur jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.".

Emenda ta' l-artikolu 132 ta' l-Att prinċipali.

66. L-artikolu 132 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Direttur (Sigurtà Soċjali)" għandhom jidħlu l-kliem "Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali)"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Direttur (Sigurtà Soċjali)" għandhom jidħlu l-kliem "Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali)".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

67. Il-paragrafu 8 tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"8. B'seħħ mis-6 ta' Jannar 1992:

(a) impieg li jkun beda qabel il-5 ta' Jannar 2008 ta' persuna li tkun laħqet l-età tal-pensjoni qabel il-5 ta' Jannar 2008; jew

(b) impieg ta' armla taħt l-età tal-pensjoni, jekk din hekk tagħżel, li tkun qiegħda tirċievi pensjoni tar-romol taħt dan l-Att:

Iżda l-paga jew is-salarju fil-ġimgħa ta' dik il-persuna jew armla ma teċċedix il-Paga Minima Nazzjonali, jew l-ekwivalenti tagħha fix-xahar, skond ma japplika għal persuni ta' l-età ta' tmintax-il sena jew aktar stabbilita minn Ordni ta' Standard Nazzjonali maħruġa taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

68. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima I tagħha, minnufih wara l-kliem "il-valur ta' kull proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "inkluża kull proprjetà mqiegħda fi *trust*";

(b) fil-proviso mas-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima I tagħha, minflok il-kliem "azzjonijiet jew titoli oħra), u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana" għandhom jidħlu l-kliem "azzjonijiet jew titoli oħra), flus imqiegħda f'xi *trust* u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi *trust*";

(ċ) fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima I tagħha, minflok il-kliem "minn, jew gawdut minn, dik il-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "minn kull persuna inklużi l-persuni kollha intitolati li jibbenefikaw minn *trust* jew li favur tagħhom tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi *trust*";

(d) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima II tagħha, minflok il-kliem "ta' kull proprjetà" għandhom jidħlu l-

kliem "ta' kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi *trust*";

(e) fil-proviso mas-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima II tagħha, minflok il-kliem "azzjonijiet u titoli oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana" għandhom jidħlu l-kliem "azzjonijiet u titoli oħra), flus imqiegħda f'xi *trust* u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi *trust*";

(f) fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima II tagħha, minflok il-kliem "xi membru tal-familja" għandhom jidħlu l-kliem "xi membru tal-familja inkluż kull intitolament ta' dak il-membru għal benefiċċju minn *trust* jew li favur tiegħu tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi *trust*";

(g) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima III tagħha, minflok il-kliem "ta' kull proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "ta' kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi *trust*";

(h) fil-proviso mas-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima III tagħha, minflok il-kliem "azzjonijiet u titoli oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana" għandhom jidħlu l-kliem "azzjonijiet u titoli oħra), flus imqiegħda f'xi *trust* u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi *trust*";

(i) fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima III tagħha, minflok il-kliem "xi membru tal-familja" għandhom jidħlu l-kliem "xi membru tal-familja inkluż kull jedd li jkollu membru tal-familja għal benefiċċju minn *trust* jew li favur tiegħu tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi *trust*";

(j) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima V tagħha, minflok il-kliem "il-valur ta' kull proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "il-valur ta' kull proprjetà inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi *trust*";

(k) fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima V tagħha, minflok il-kliem "kull dħul jew privileġġ" għandhom jidħlu l-kliem "kull dħul, privileġġ jew flus imqiegħda f'xi *trust*";

(l) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tat-Taqsima VII

tagħha, minflok il-kliem "kull proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "kull proprjetà inkluża kull proprjetà imqiegħda fi *trust*" u minflok il-kliem "kull dħul jew privileġġ" għandhom jidħlu l-kliem "kull dħul jew privileġġ, inkluż kull intitolament għal benefiċċju minn *trust* jew li favur tagħhom tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi *trust*";

(m) fil-paragrafu 1 tat-Taqsima VIII tagħha, minflok il-kliem "kull proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi *trust*"; minflok il-kliem "jiġi riċevut" għandhom jidħlu l-kliem "jigi riċevut u gawdut" u minflok il-kliem "kap tal-familja jekk ikun hemm, jew li dawn igawdu" għandhom jidħlu l-kliem "kap tal-familja jekk ikun hemm, inkluż kull jedd li jkollhom għal benefiċċju minn *trust* jew li favur tagħhom tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi *trust*".

TAQSIMA VII

Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Kap. 364.

69. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-16 ta' Ottubru, 2007.

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

70. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "għar-rigward ta' l-ewwel tletin elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "għar-rigward ta' l-ewwel ħamsin elf lira";

(b) fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ma jaqbżux tletin elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "ma jaqbżux ħamsin elf lira";

(ċ) fis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tletin elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin elf lira"; u

(d) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "tletin elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin elf lira".

Żjieda ta' artikolu 32Ċ ġdid ma' l-Att prinċipali.

71. Minnufih wara l-artikolu 32B ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Trasferimenti b'titolu ta' donazzjoni.

32Ċ. Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, fil-każ ta' trasferimenti b'titolu ta' donazzjoni minn persuna lid-dixxendenti tagħha f'linja diretta li jakkwistaw proprjetà immobbli bil-għan li jistabbilixxu fiha jew li jibnu fuqha r-residenza unika u ordinarja tagħhom, it-taxxa li b'mod ieħor kienet tiġi imposta bis-saħħa ta' l-imsemmi Att għandha tiġi imposta fuq il-valur tagħha bir-rata ta' tliet liri u ħamsin ċenteżmu għal kull mitt lira jew parti minnha, iżda dan għandu jkun l-ewwel trasferiment minn dik il-persuna lil dak id-dixxendent għal dan il-għan u b'dan il-mod u sakemm in-nutar li jirċievi l-att ta' dan it-trasferiment iniżżel f'dak l-att dikjarazzjoni bil-miktub li jagħmlu dik il-persuna li tkun hekk qiegħda tittrasferixxi u l-persuna li tkun hekk qiegħda takkwista li l-proprjetà tkun qiegħda tiġi akkwistata għal dak il-għan għall-ewwel darba u n-nutar għandu javża lil dik il-persuna u lid-dixxendent dwar kemm dik id-dikjarazzjoni hija waħda importanti u tenħtieġ li ssir sew.".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

72. Minnufih wara s-sub-paragrafu (ii) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(iii) meta dik il-proprjetà tkun tikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni, li tkun ir-residenza ordinarja tal-persuna li minnha joriġina t-trasferiment, u l-benefiċjarju ta' dik ir-residenza jkun jew tkun il-konjuġi superstiti, l-ebda taxxa ma għandha tinġabar fi żmien it-trasferiment, iżda jekk dik ir-residenza tkun trasferita mill-konjuġi superstiti matul l-ewwel għaxar snin mid-data tal-mewt tal-persuna li minnha joriġina t-trasferiment, it-taxxa li kieku kienet titħallas mal-mewt tal-konjuġi li miet jew mietet qabel għandha titħallas fi żmien it-trasferiment mill-konjuġi superstiti.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

73. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "it-taxxa li titħallas taħt dan l-Att fuq l-ewwel elf u ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "it-taxxa li titħallas taħt dan l-Att fuq l-ewwel elfejn u ħames mitt lira".

74. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "fis-subartikolu (3)(ċ) u (d) jew kwalunkwe attiv ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (3)(ċ), (d) u (e) jew kull attiv ieħor". Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

TAQSIMA VIII

75. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur. Kap. 368.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 2007.

76. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "Awtorità" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "fattura" tfisser dokument maħruġ minn bejjiegħ lil xerrej li jkun juri l-vettura jew vetturi li jkunu ġew ipprovduti, l-ammont ta' flus li jkun irid jitħallas jew li jkun tħallas u n-numru tax-*chassis* ta' dik il-vettura jew vetturi;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "użu privat" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "valur ta' reġistrazzjoni" tfisser il-valur tal-vetturi, u fejn applikabbli, l-ispiża tal-ġarr u l-assigurazzjoni magħduda flimkien għall-finijiet ta' taxxa ta' reġistrazzjoni;

"valutazzjoni" tfisser il-valutazzjoni li ssir mill-Awtorità fir-rigward ta' vetturi użati li jinġiebu f'Malta minn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jew mid-Dwana fil-każ ta' vetturi użati importati minn pajjiżi oħra biex ikun jista' jiġi determinat kemm tkun tiswa attwalment vettura bil-mutur użata.".

77. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

"(3) Fejn il-valutazzjoni ta' vettura bil-mutur użata tkun tiddetermina li dik il-vettura tiswa anqas mill-valur li jkun

jidher fuq il-fattura li tappartjeni lil dik il-vettura, il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura użat għal skop tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandu jkun dak li jkun qed jidher fuq il-fattura li tkun tappartjeni lil dik il-vettura.".

Sostituzzjoni ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

78. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA

[Artikolu 6(1)]

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
87.01		***Tractors* (minbarra *tractors* ta' l-intestatura H.S. Nru. 87.09):**	
	1.011.000	1. *Tractors* ikkontrollati minn min ikun miexi magħhom	0%
	1.012.000	2. *Tractors* stradali għal *semi-trailers*	0%
	1.013.000	3. *Track-laying tractors*	0%
	1.014.000	4. Oħrajn	0%
87.02		**Vetturi bil-mutur għall-ġarr ta' għaxar persuni jew aktar, inkluż is-sewwieq:**	
	1.021.000	1. *Scheduled buses*:	
	1.021.001	1.1. ġodda	0%
	1.021.002	1.2. użati	6%
	1.022.000	2. *Unscheduled buses* jew *coaches* u *trackless trains*:	
	1.022.001	2.1. ġodda	0%
	1.022.002	2.2. użati	24%
	1.023.000	3. *Minibuses* għall-ġarr ta' passiġġieri bi ħlas:	
	1.023.001	3.1. ġodda	0%
	1.023.002	3.2. użati	21%
	1.024.000	4. *Midibuses* u *minibuses* privati b'makna:	
	1.024.001	4.1. ta' ċilindrata ta' mhux aktar minn 1500cc	50.5%
	1.024.002	4.2. ta' ċilindrata ta' aktar minn 1500cc	60%
	1.025.000	5. Oħrajn (esklużi vetturi elettriċi):	
	1.025.001	5.1. Vannijiet għall-ġarr ta' ħdax-il persuna, inkluż is-sewwieq u vannijiet bit-*tail-lift*:	
	1.025.010	5.1.1. għal użu biex jinġarru passiġġieri bi ħlas:	
	1.025.011	5.1.1.1. ġodda	0%
	1.025.012	5.1.1.2. użati	21%
	1.025.020	5.1.2. vetturi oħrajn bil-makna:	
	1.025.021	5.1.2.1. ta' ċilindrata ta' mhux aktar minn 1500cc	50.5%
	1.025.022	5.1.2.2. ta' ċilindrata ta' aktar minn 1500cc	60%
	1.025.050	5.2. Oħrajn	60%
	1.026.100	6. Vetturi elettriċi:	
	1.026.110	6.1. vetturi elettriċi misjuqa bil-batterija	0%

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.026.120	6.2. vetturi elettriċi ibridi bil-petrol (jew *diesel*):	
	1.026.121	6.2.1. *scheduled buses*:	
	1.026.122	6.2.1.1. ġodda	0%
	1.026.123	6.2.1.2. użati	2%
	1.026.131	6.2.2. oħrajn	16.5%
87.03		**Karozzi bil-mutur u vetturi oħra bil-mutur maħsuba l-aktar għall-ġarr ta' persuni (minbarra dawk ta' l-intestatura Nru. 87.02), inklużi *station wagons* u karozzi tat-tlielaq:**	
	1.031.000	1. Vetturi maħsuba speċjalment għas-sewqan fuq is-silġ, karozzi għall-*golf* u vetturi simili	50.5%
	1.032.000	2. Vetturi oħra, b'makna ta' kombustjoni interna li tixgħel bi *spark* b'kompressjoni:	
	1.032.001	2.1 ta' ċilindrata ta' mhux aktar minn 1000cc:	
	1.032.002	2.1.1 *Chassis* iffittjat b'makna u kabina	50.5%
	1.032.005	2.1.2 Vetturi ta' struttura unitarja (*monocoque*) iffittjati b'makna u *body* li jikkonsisti biss f'kabina tas-sewwieq u fi pjattaforma ta' wara mingħajr armar	50.5%
	1.032.010	2.1.3 Vetturi oħra, ġodda:	
	1.032.011	2.1.3.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.012	2.1.3.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*	30%
	1.032.013	2.1.3.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	30%
	1.032.014	2.1.3.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	50.5%
	1.032.015	2.1.3.1.4 oħrajn	50.5%
	1.032.016	2.1.3.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	50.5%
	1.032.020	2.1.3.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	0%
	1.032.025	2.1.3.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5%
	1.032.030	2.1.3.4 *Taxi-cars*	20%
	1.032.035	2.1.3.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.040	2.1.3.6 Għal użu ieħor	50.5%
	1.032.050	2.1.4 Vetturi oħra, użati:	
	1.032.051	2.1.4.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.052	2.1.4.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*:	
	1.032.053	2.1.4.1.1.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* manifatturati fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975 jew qabel u ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità .	30% iżda mhux anqas minn Lm715 kull vettura

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.054	2.1.4.1.1.2 *limousines* misjuqa minn *chauffeur* u repliki tajbin misjuqa minn *chauffeur* ta' vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* hekk rikonoxxuti mill-Awtorità	30% iżda mhux anqas minn Lm715 kull vettura
	1.032.055	2.1.4.1.1.3 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.056	2.1.4.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.057	2.1.4.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.058	2.1.4.1.4 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.059	2.1.4.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.060	2.1.4.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	21%
	1.032.065	2.1.4.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5% iżda mhux anqas minn Lm1,155 kull vettura
	1.032.070	2.1.4.4 *Taxi-cars*	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.075	2.1.4.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jintużaw fit-triq	6.5%
	1.032.080	2.1.4.6 Għal użu ieħor:	
	1.032.081	2.1.4.6.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità:	
	1.032.082	2.1.4.6.1.1 vetturi manifatturati qabel jew fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1955	11% iżda mhux anqas minn Lm265 kull vettura
	1.032.083	2.1.4.6.1.2 vetturi manifatturati fl-ewwel ta' Jannar 1956 jew wara iżda mhux wara l-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975	25.5% iżda mhux anqas minn Lm610 kull vettura

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.084	2.1.4.6.2 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,200 kull vettura
	1.032.101	2.2 Ta' ċilindrata ta' aktar minn 1000cc iżda mhux aktar minn 1300cc:	
	1.032.102	2.2.1 *Chassis* iffittjat b'makna u kabina	50.5%
	1.032.105	2.2.2 Vetturi ta' struttura unitarja (*monocoque*) iffittjati b'makna u *body* li jikkonsisti biss f'kabina tas-sewwieq u fi pjattaforma ta' wara mingħajr armar	50.5%
	1.032.110	2.2.3 Vetturi oħra, ġodda:	
	1.032.111	2.2.3.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.112	2.2.3.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*	30%
	1.032.113	2.2.3.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	30%
	1.032.114	2.2.3.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	50.5%
	1.032.115	2.2.3.1.4 oħrajn	50.5%
	1.032.116	2.2.3.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	50.5%
	1.032.120	2.2.3.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	0%
	1.032.125	2.2.3.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5%
	1.032.130	2.2.3.4 *Taxi-cars*	20%
	1.032.135	2.2.3.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.140	2.2.3.6 Għal użu ieħor	50.5%
	1.032.150	2.2.4 Vetturi oħra, użati:	
	1.032.151	2.2.4.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.152	2.2.4.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*:	
	1.032.153	2.2.4.1.1.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* manifatturati fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975 jew qabel u ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità .	30% iżda mhux anqas minn Lm895 kull vettura
	1.032.154	2.2.4.1.1.2 *limousines* misjuqa minn *chauffeur* u repliki tajbin misjuqa minn *chauffeur* ta' vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* hekk rikonoxxuti mill-Awtorità	30% iżda mhux anqas minn Lm895 kull vettura
	1.032.155	2.2.4.1.1.3 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.156	2.2.4.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.157	2.2.4.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.158	2.2.4.1.4 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.159	2.2.4.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.160	2.2.4.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	21%
	1.032.165	2.2.4.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5% iżda mhux anqas minn Lm1,440 kull vettura
	1.032.170	2.2.4.4 *Taxi-cars*	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.175	2.2.4.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.180	2.2.4.6 Għal użu ieħor:	
	1.032.181	2.2.4.6.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità:	
	1.032.182	2.2.4.6.1.1 vetturi manifatturati qabel jew fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1955	11% iżda mhux anqas minn Lm330 kull vettura
	1.032.183	2.2.4.6.1.2 vetturi manifatturati fl-ewwel ta' Jannar 1956 jew wara iżda mhux wara l-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975	25.5% iżda mhux anqas minn Lm760 kull vettura
	1.032.184	2.2.4.6.2 oħrajn	50.5% iżda mhux anqas minn Lm1,500 kull vettura
	1.032.201	2.3 Ta' ċilindrata ta' aktar minn 1300cc iżda mhux aktar minn 1500cc:	
	1.032.202	2.3.1 *Chassis* iffittjat b'makna u kabina	53%

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.205	2.3.2 Vetturi ta' struttura unitarja (*monocoque*) iffittjati b'makna u *body* li jikkonsisti biss f'kabina tas-sewwieq u fi pjattaforma ta' wara mingħajr armar	53%
	1.032.210	2.3.3 Vetturi oħra, ġodda:	
	1.032.211	2.3.3.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.212	2.3.3.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*	30%
	1.032.213	2.3.3.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	30%
	1.032.214	2.3.3.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	53%
	1.032.215	2.3.3.1.4 oħrajn	53%
	1.032.216	2.3.3.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	53%
	1.032.220	2.3.3.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	0%
	1.032.225	2.3.3.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5%
	1.032.230	2.3.3.4 *Taxi-cars*	20%
	1.032.235	2.3.3.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.240	2.3.3.6 Għal użu ieħor	53%
	1.032.250	2.3.4 Vetturi oħra, użati:	
	1.032.251	2.3.4.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.252	2.3.4.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*:	
	1.032.253	2.3.4.1.1.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* manifatturati fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975 jew qabel u ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità .	30% iżda mhux anqas minn Lm1,250 kull vettura
	1.032.254	2.3.4.1.1.2 vetturi *limousines* misjuqa minn *chauffeur* u repliki tajbin misjuqa minn *chauffeur* ta' vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* hekk rikonoxxuti mill-Awtorità	30% iżda mhux anqas minn Lm1,250 kull vettura
	1.032.255	2.3.4.1.1.3 oħrajn	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.256	2.3.4.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.257	2.3.4.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.258	2.3.4.1.4 oħrajn	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.259	2.3.4.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.260	2.3.4.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	21%
	1.032.265	2.3.4.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5% iżda mhux anqas minn Lm2,015 kull vettura
	1.032.270	2.3.4.4 *Taxi-cars*	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.275	2.3.4.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.280	2.3.4.6 Għal użu ieħor:	
	1.032.281	2.3.4.6.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità:	
	1.032.282	2.3.4.6.1.1 vetturi manifatturati qabel jew fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1955	11% iżda mhux anqas minn Lm460 kull vettura
	1.032.283	2.3.4.6.1.2 vetturi manifatturati fl-ewwel ta' Jannar 1956 jew wara iżda mhux wara l-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975	26.5% iżda mhux anqas minn Lm1,100 kull vettura
	1.032.284	2.3.4.6.2 oħrajn	53% iżda mhux anqas minn Lm2,200 kull vettura
	1.032.301	2.4 Ta' ċilindrata ta' aktar minn 1500cc iżda mhux aktar minn 1800cc:	
	1.032.302	2.4.1 *Chassis* iffittjat b'makna u kabina	60%
	1.032.305	2.4.2 Vetturi ta' struttura unitarja (*monocoque*) iffittjati b'makna u *body* li jikkonsisti biss f'kabina tas-sewwieq u fi pjattaforma ta' wara mingħajr armar	60%
	1.032.310	2.4.3 Vetturi oħra, ġodda:	
	1.032.311	2.4.3.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.312	2.4.3.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*	30%
	1.032.313	2.4.3.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	30%

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.314	2.4.3.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	60%
	1.032.315	2.4.3.1.4 oħrajn	60%
	1.032.316	2.4.3.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	60%
	1.032.320	2.4.3.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	0%
	1.032.325	2.4.3.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5%
	1.032.330	2.4.3.4 *Taxi-cars*	20%
	1.032.335	2.4.3.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.340	2.4.3.6 Għal użu ieħor	60%
	1.032.350	2.4.4 Vetturi oħra, użati:	
	1.032.351	2.4.4.1 Għal użu bħala vetturi bil-mutur għall-kiri:	
	1.032.352	2.4.4.1.1 vetturi misjuqa minn *chauffeur*:	
	1.032.353	2.4.4.1.1.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* manifatturati fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975 jew qabel u ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità	30% iżda mhux anqas minn Lm1,450 kull vettura
	1.032.354	2.4.4.1.1.2 vetturi *limousines* misjuqa minn *chauffeur* u repliki tajbin misjuqa minn *chauffeur* ta' vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* hekk rikonoxxuti mill-Awtorità	30% iżda mhux anqas minn Lm1,450 kull vettura
	1.032.355	2.4.4.1.1.3 oħrajn	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.356	2.4.4.1.2 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fil-qasir	60% iżda mhux anqas minn Lm,2900 kull vettura
	1.032.357	2.4.4.1.3 vetturi *self-drive* maħsuba għal kirja fit-tul	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.358	2.4.4.1.4 oħrajn	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.359	2.4.4.1.5 *quad bikes* biex jintużaw fit-triq	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.360	2.4.4.2 Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs, karozzi għall-ġarr tal-mejtin	21%

Numru tal-Kodiċi H.S.	Numru tal-Kodiċi VERA	Oġġetti	Rata ta' Taxxa
	1.032.365	2.4.4.3 Vetturi *light weight* bi tliet roti li jkollhom il-karatteristika ta' vetturi bil-mutur tas-subintestatura ta' hawn fuq	48.5% iżda mhux anqas minn Lm2,345 kull vettura
	1.032.370	2.4.4.4 *Taxi-cars*	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.375	2.4.4.5 Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jinsaqu fit-triq	6.5%
	1.032.380	2.4.4.6 Għal użu ieħor:	
	1.032.381	2.4.4.6.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità:	
	1.032.382	2.4.4.6.1.1 vetturi manifatturati qabel jew fil-wieħed u tletin ta' Diċembru 1955	16.5% iżda mhux anqas minn Lm800 kull vettura
	1.032.383	2.4.4.6.1.2 vetturi manifatturati fl-ewwel ta' Jannar 1956 jew wara iżda mhux wara l-wieħed u tletin ta' Diċembru 1975	30% iżda mhux anqas minn Lm1,450 kull vettura
	1.032.384	2.4.4.6.2 oħrajn	60% iżda mhux anqas minn Lm2,900 kull vettura
	1.032.401	2.5 Ta' ċilindrata ta' aktar minn 1800cc iżda mhux aktar minn 2000cc:	
